MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 622/2008

**CHS Limited (C 30198)**

**vs**

**Antoine Mifsud (ID 508372 M)**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, disa' mija u sbatax-il ewro u seba' centezmi (€1,917.07) rapprezentanti l-mizati dovuti minnu ghal servizzi edukattivi moghtija mis-socjeta' attrici lil bintu Liana Mifsud f'Chiswick House School gestitita mis-socjeta' esponenti.

Illi minkejja diversi interpellanzi l-konvenut baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali numru 5668/07 mahruga ‘*ai termini’* ta’ l-artiklu 166A tal-Kap XII u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fil-21 ta’ Ottubru, 2008 mill-Avukat Carole Zammit Montebello u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas milli jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------